Id-dokumenti huma bla ħlas u jinkisbu/jitniżżlu u jintlaqgħu BISS mis-sit elettroniku (www.etenders.gov.mt).

Kull kjarifika jew addenda lid-dokument jittellgħu fuq is-sit elettroniku u wieħed jista' jarahom jew iniżżilhom mill-istess sit.

Il-Kunsill Lokali jirriżerva d-dritt li jirrifjuta kull offerta, anke l-aħħar waħda vantaġġjuża.

It-25 ta' Settembru, 2026

Tender documents are free of charge and are to be viewed/downloaded and submitted ONLY through the etenders website on (www.etenders.gov.mt).

Any clarifications or addenda to the document will be uploaded and available to view and download from this same website.

The Local Council reserves the right to refuse any offer, even the most advantageous.

25th September, 2026

AVVIŻI TAL-QORTI – *COURT NOTICES*

2473

B'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, tal-4 ta' Ġunju, 2026, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skont l-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12) fil-konfront ta' Joan Agius pro et noe.

Angele Rapa (KI 424572M), George Clews (KI 53864M), Dorotea Meli (KI 78449M), Mary Margaret Borg (KI 182866M), Maria Carmela Sammut (KI 406154M), Paul Grech (KI 363652M), Ines Grech (KI 870154M), Lawrence Pavia (KI 337548M) u Theresa Pavia (KI 775147M) ta' 47, Casa Zammit, Triq il-Ħaddiema, Iż-Żurrieq, ippreżentaw Talba, fit-3 ta' Ġunju, 2026, fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Joan Agius (KI 357568M) f'isimha personali u bħala rappreżentant ta' Take a Break Travel ta' Flat 3, Marine Court, Blokk D, 5, Triq Ta' Gidwet, Marsaskala, sabiex tħallas lill-atturi is-somma ta' €1,500, liema ammont huwa dovut lill-atturi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet

Il-kawża (Avviż numru 192/2026CL) hija differita għat-30 ta' Settembru, 2026, fis-1.00 p.m.

Reġistru tal-Qorti Maġistrati (Malta), illum 24 ta' Settembru, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By a decree of the Small Claims Tribunal of the 4th June, 2026, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service on Joan Agius pro et noe in terms of Article 187(3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Angele Rapa (ID 424572M), George Clews (ID 53864M), Dorotea Meli (ID 78449M), Mary Margaret Borg (ID 182866M), Maria Carmela Sammut (ID 406154M), Paul Grech (ID 363652M), Ines Grech (ID 870154M), Lawrence Pavia (ID 337548M) and Theresa Pavia (ID 775147M) of 47, Casa Zammit, Triq il-Ħaddiema, Żurrieq, filed a Claim on the 3rd June, 2026, whereby they asked the Tribunal to condemn Joan Agius (ID 357568M) in her own name and for and on behalf of Take a Break Travel of Flat 3, Marine Court, Block D, 5, Triq Ta' Gidwet, Marsaskala, to pay the plaintiffs the sum of €1,500, which amount is due to the plaintiffs.

With costs and interests

The case (Claim number 192/2026CL) is deferred on the 30th September, 2026, at 1.00 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta), today 24th September, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals.

2474

ARB/C003/2021 – KANĊELLAZJONI TA' ORDNI TAL-IFFRIŻAR

IKUN JAF KULĦADD illi b'digriet mogħti fit-23 ta' Settembru, 2026, mill-Qorti tal- Appell Kriminali (l-Onor. Imħallef Dott. Edwina Grima, LLD). Kumpilazzjoni Numru 46/2021, fil-kawża fl-ismijiet:

ARB/C003/2021 – CANCELLATION OF A FREEZING ORDER

IT IS BEING NOTIFIED that by a decree dated 23rd September, 2026, given by the Court of Criminal Appeal (the Hon. Judge Dr Edwina Grima, LLD). Compilation Number 46/2021, in the case:

Ir-Repubblika ta' Malta

Kontra

JOSEPHINE HARMSWORTH;

U

ALAN HARMSWORTH, diżokkupat, ta' 49 sena, iben Francis u l-mejta Mary Anne xebba Brincat, imwieled Tal-Pietà, Malta, fl-4 ta' Diċembru, 1976, residenti f'67, Ave Maria, Triq is-Sajjieda, Il-Marsa, u detentur ta' karta tal-identità Maltija bin-numru 19177M.

Il-Qorti ORDNAT IL-KANĊELLAZZJONI tal-ordni tal-iffriżar maħruġa fuq l-assi ta' ALAN HARMSWORTH, liema ordni ġiet mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja (il-Maġistrat Dott. Ian Farrugia, LLD) permezz ta' digriet datat 25 ta' Jannar, 2021, u li ġiet ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern fis-27 ta' Jannar, 2021.

Din in-notifika qed tiġi ppubblikata ai termini tal-Artikolu 5 tal-Att kontra Money Laundering, Kap. 373 tal-Ligijiet ta' Malta u tal-Artikolu 23A tal-Kodiċi Kriminali, Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illum 23 ta' Settembru, 2026

IS-SA EUNICE GRECH FIORINI
Direttur, Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi

The Republic of Malta

Versus

JOSEPHINE HARMSWORTH;

AND

ALAN HARMSWORTH, unemployed, 49 years, son of Francis and the late Mary Anne née Brincat, born in Tal-Pietà, Malta, on the 4th December, 1976, residing at 67, Ave Maria, Triq is-Sajjieda, Marsa, and holder of Maltese identity card bearing number 19177M.

The Court ORDERED THE CANCELLATION of the freezing order issued on the assets of ALAN HARMSWORTH, which order was given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Inquiry (Magistrate Dr Ian Farrugi, LLD) by a decree dated 25th January, 2021, which was duly published in the Government Gazette of the 27th January, 2021.

This notice is being published in terms of Article 5 of the Prevention of Money Laundering Act, Cap. 373 of the Laws of Malta and Article 23A of the Criminal Code, Cap. 9 of the Laws of Malta.

Today 23rd September, 2026

MS EUNICE GRECH FIORINI
Director, Asset Recovery Bureau

2475

ARB/C043/2021 – VARJAZZJONI TAL-ORDNI TA' QBID U FFRIŻAR

IKUN JAF KULĦADD illi b'digriet mogħti fit-23 ta' Settembru, 2026, mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja (il-Maġistrat Dott. Leonard Caruana, LLD). Kumpilazzjoni Numru 395/2021, fil-kawża fl-ismijiet:

Ir-Repubblika ta' Malta

Kontra

LUKE JOHN MILTON, direttur, ta' 30 sena, iben David John u Sandra xebba Gatt, imwieled Tal-Pietà, Malta, fil-21 ta' April, 1996, residenti fi 2, Triq Indrì Borg, Sqaq Nru 2, Ir-Rabat, Malta, u detentur ta' karta tal-identità Maltija bin-numru 174496M.

Il-Qorti AWTORIZZAT lil LUKE JOHN MILTON sabiex jipperċepixxi s-somma annwali ta' €21,945 u konsegwentement AWTORIZZAT lil APS Bank plc sabiex tirrilaxxa l-imsemmija somma, maqsuma fuq tnax-il rata

ARB/C043/2021 – VARIATION OF A SEIZING AND FREEZING ORDER

IT IS BEING NOTIFIED that by a decree dated 23rd September, 2026, given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Inquiry (Magistrate Dr Leonard Caruana, LLD). Compilation Number 395/2021, in the case:

The Republic of Malta

Versus

LUKE JOHN MILTON, director, 30 years, son of David John and Sandra née Gatt, born in Tal-Pietà, Malta, on the 21st April, 1996, residing at 2, Triq Indrì Borg, Sqaq Nru 2, Rabat, Malta and holder of Maltese identity card bearing number 174496M.

The Court AUTHORISED LUKE JOHN MILTON to receive the annual amount of €21,945 and consequently AUTHORISED APS Bank plc to release the said amount, divided into twelve monthly instalments, into the bank

mensili, fil-kont bankarju miżmum f'ismu li jispiċċa bin-numru -0015 u miżmum ma' APS Bank plc.

Din il-varjazzjoni qed issir ai termini tal-Artikolu 36 tal-Att dwar ir-Rikavat mill-Kriminalità, Kap. 621 tal-Liġijiet ta' Malta, wara digriet ta' ordni tal-iffriżar mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja (il-Maġistrat Dott. Caroline Farrugia Frendo, LLD) fit-18 ta' Ġunju, 2021, li ġiet ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern fit-28 ta' Ġunju, 2021, fejn il-Qorti ordnat is-sekwestru f'idejn terzi persuni b'mod ġenerali, tal-flejjes u l-proprjetà mobbli jew immobbli kollha li huma dovuti lil, jew imissu lil, jew li huma proprjetà ta' LUKE JOHN MILTON.

Illum 23 ta' Settembru, 2026

IS-SA EUNICE GRECH FIORINI
Direttur, Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi

account held in his name ending in -0015 and held with APS Bank plc.

This variation is being published in terms of Article 36 of the Proceeds of Crime Act, Cap. 621 of the Laws of Malta, following a seizing and freezing order which decree was given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Inquiry (Magistrate Dr Caroline Farrugia Frendo, LLD) on the 18th June, 2021, which was published in the Government Gazette on the 28th June, 2021, where the court ordered the attachment in the hands of third parties in general of all moneys and other movable or immovable property due or pertaining or belonging to LUKE JOHN MILTON.

Today 23rd September, 2026

MS EUNICE GRECH FIORINI
Director, Asset Recovery Bureau

2476

Permezz ta' digriet mogħti fil-5 ta' Frar, 2026, mill-Qorti, Prim'Awla, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 3354/2025, fl-ismijiet Awtorità għat-Trasport f'Malta vs Malta Towage Limited, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tas-soċjetà intimata a tenur tal-Artikolu 187(5) tal-Kap. 12.

Fil-Prim'Awla tal-Qorti

Illum 23 ta' Lulju, 2025

Lil Malta Towage Limited (C44662) ta' c/o Joseph Anthony O'Connor ta' Sprettu Court, No. 8, Triq il-Ġdida fi Triq San Ġużepp, Il-Mosta

Permezz tal-preżenti, l-Awtorità għat-Trasport f'Malta ta' Malta Tansport Centre, Triq Pantar, Ħal Lija, qed tinnotifikak bl-annessa dikjarazzjoni ġuramentata mmarkata Dok. A għall-finijiet u l-effetti kollha tal-artikolu 466 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u tinterpellak sabiex tħallasha s-somma ta' €33,682.50 rappreżentanti ħlasijiet minnek dovuti in linea ta' laid up fees, towage fees u drittijiet u ħlasijiet oħra dovuti lill-Awtorità mittenti skont l-istatement li qed jiġi hawn anness bħala Dokument B, liema ammont huwa minnek dovut lill-Awtorità mittenti.

Dan l-ammont hawn reklamat għadu dovut sal-ġurnata tal-preżentata ta' din l-ittra uffiċjali.

Dan l-att ġudizzjarju qed jintbagħat lilek għall-finijiet u l-effetti kollha tal-liġi u fin-nuqqas ta' pagament jew oppożizzjoni daparti tiegħek fit-termini tal-imsemmi artikolu 466 tal-Kap. 12 tl-Liġijiet ta' Malta, l-Awtorità mittenti se tgħaddi biex tesegwixxi dan il-krettu skont il-liġi.

By means of a decree of the 5th February, 2026, of the Civil Court First Hall in the records of judicial letter number 3354/2025, in the names Malta Trasport Authority vs Malta Towage Limited, the following publication for the purpose of service of the respondent company was ordered in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

In the First Hall of the Civil Court

Today 23rd July, 2025

To Malta Towage Limited (C44662) of c/o Joseph Anthony O'Connor of Sprettu Court, No. 8, Triq il-Ġdida fi Triq San Ġużepp, Mosta

By the present the Malta Trasport Authority of Malta Transport Centre, Triq Pantar, Ħal Lija, you are being notified with the attached declaration marked Doc. A for all intents and purposes of Article 466 of Cap. 12 of the Laws of Malta and solicits you to pay the sum of €33,682.50 representing payment due by you as for laid up fees, towage fees and other fees and charges due to the interpellant Authority according to the statement which is being attached as document B, which amount is due by you to the interpellant Authority.

This amount is still due till the date of filing of this judicial letter.

This judicial act is being sent to you for all effects and functions of law and in default of payment or opposition on your part in terms of the said Article 466 of Cap. 12 of the Laws of Malta, the interpellant Authority shall proceed to execute this credit according to law.

Bl-ispejjeż u bl-imgħax

Reġistru tal-Qrati tal-Superjuri, illum 22 ta' Settembru 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

With costs and interest

Registry of the Superior Courts today 22nd September 2026.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2477

Ikun jaf kulħadd illi permezz ta' digriet mogħti fit-13 ta' Lulju, 2026, mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġuriżdizzjoni Superjuri Sezzjoni Ġenerali, fl-atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni numru 18/2026/1 FG fl-ismijiet 'Vincent Cassar et vs Mariusz Makowski et', ippreżentat fir-Reġistru fil-Qorti ta' Għawdex fit-22 ta' Mejju, 2026, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni tal-estratt hawn taħt riprodott u dan sabiex iservi ta' notifika fil-konfront tal-intimati Mariusz Makowski iben Tadeusz Makowski u Elizbieta née Kowalska mwieled Warsaw, il-Polonja (234523A) u martu Renata Kaluzna bint Zdzislaw Kaluzny u Zofia née Szostak imwielda Warsaw, il-Polonja (234493A) bl-indirizz 12, Lunzjata Crt, Flat 6, Triq Dun Pawl Micallef, Ir-Rabat, Għawdex – u dan ai termini tal-artiklu 187(3) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġuriżdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali

Mandat ta' Inibizzjoni numru 18/2026/1 FG

(Rikorrenti) Vincent Cassar (23668G); Ruth Cassar (28170G); Francis Formosa (71160G); Maria Formosa (10966G)

Kontra

(Intimati) Mariusz Makowski iben Tadeusz Makowski u Elizbieta née Kowalska mwieled Warsaw, il-Polonja (234523A) u martu Renata Kaluzna bint Zdzislaw Kaluzny u Zofia née Szostak imwielda Warsaw, il-Polonja (234493A)

Rikors ta' Vincent Cassar et

Jingħad bil-qima u jiġi kkonfermat bil-ġurament:

Illi l-esponenti, sabiex jikkawtela l-kreditu hawn taħt imsemmi kontra l-intimat, umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti li tordna l-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni kontra l-intimat sabiex jinżamm milli jbigħ, ineħħi, jittrasferixxi jew jiddisponi inter vivos sew b'titolu oneruż jew gratuwitu xi proprjetà, u b'mod partikolari:

It is hereby notified that by a decree issued on the 13th of July, 2026, by the Court of Magistrates (Gozo) Superior Jurisdiction General Section, in the acts of Warrant of Prohibitory Injunction number 18/2026/1 FG in the names 'Vincent Cassar et vs Mariusz Makowski et', filed in the Registry of the Court of Gozo on the 22nd of May, 2026, the publication of the extract reproduced below was ordered and this in order to serve as notification with regard the defendants Mariusz Makowski son of Tadeusz Makowski and Elizbieta née Kowalska born in Warsaw, Poland (234523A) and his wife Renata Kaluzna daughter of Zdzislaw Kaluzny and Zofia née Szostak born in Warsaw, Polond (234493A) residing at 12, Lunzjata Crt, Flat 6, Triq Dun Pawl Micallef, Victoria, Gozo – and this in terms of article 187(3) of Cap. 12 of the Laws of Malta.

Court of Magistrates (Gozo), Superior Jurisdiction, General Section

Warrant of Prohibitory Injunction number 18/2026/1 FG

(Applicants) Vincent Cassar (23668G); Ruth Cassar (28170G); Francis Formosa (71160G); Maria Formosa (10966G)

Versus

(Respondents) Mariusz Makowski son of Tadeusz Makowski and Elizbieta née Kowalska born in Warsaw, Poland (234523A) and his wife Renata Kaluzna daughter of Zdzislaw Kaluzny and Zofia née Szostak born in Warsaw, Poland (234493A)

Application of Vincent Cassar et

It is solemnly stated and confirmed on oath:

That the applicant, in order to safeguard the credit mentioned below against the respondent, humbly requests this Honourable Court to order the issuance of a warrant of prohibitory injunction against the respondent, restraining him from selling, removing, transferring, or disposing of inter vivos whether for valuable consideration or gratuitously any property, and inparticular:

L-appartament internament markat wieħed (1) elevated ground floor level u car space internament markat numru 5, basement level formanti parti minn korp ta' bini bl-isem 'Il-Ġnien', Triq l-Imblokk tal-Franċiżi, Ir-Rabat, Għawdex, konfinanti mill-Punent mal-imsemmija triq, Tramuntana u Lvant inparti ma' beni tal-familja Mizzi u inparti ma' beni tal-familja Vella liberu u frank kif deskritt fl-att tal-akkwist tal-14 ta' Ottubru, 2020, fl-atti tan-Nutar Maria Pisani (Dok. A).

Dan peress illi l-intimati huma debituri fil-konfront tar-rikorrenti fis-somma ta' €40,000 bilanċ ta' prezz tal-istess immobbli u tal-imgħaxijiet talvolta dovuti fuqha skont l-istess kuntratt tal-akkwist.

B'talba li dan il-mandat jiġi akkolt provviżorjament sakemm ikun hemm digriet finali.

Għaldaqstant, l-esponeneti umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tordna l-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni inkwistjoni kontra l-intimati.

Kreditu: €40,000 u mgħaxijiet

Titolu: Somma dovuta kif fuq spjegat u ċoè skont kuntratt tal-14 ta' Ottubru, 2020 (Dok. A).

(ft) Dott. Kevin Mompalao, LLD, Mompalao Advocates, 14, Triq Sir L. Camilleri, Ir-Rabat, Għawdex, Malta

(ft) L-Av. Maria Mompalao, LLB (Hons), M.Adv. (Melit) Mompalao Advocates, 14, Triq Sir L. Camilleri, Ir-Rabat, Għawdex, Malta

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)

Illum 23 ta' Settembru, 2026

MARY JANE ATTARD
Deputat Reġistratur, għar-Reġistratur, Qrati u Tribunali (Għawdex)

The apartment internally marked number one (1) at elevated ground-floor level and the car space internally marked number 5 at basement level forming part of the building complex named 'Il-Ġnien', Triq l-Imblokk tal-Francizi, Victoria, Gozo, bounded on the west by the said street, on the north and east partly by property of the Mizzi family and partly by property of the Vella family free and unencumbered as described in the deed of acquisition dated 14th of October 2020 in the records of Notary Maria Pisani (Doc. A).

This is because the respondents are indebted to the applicant in the sum of €40,000 representing the balance of the price of the said immovable property and the interest due thereon in accordance with the said contract of acquisition.

With a request that this warrant be upheld provisionally pending a final decree.

Therefore, the petitioner humbly requests this Honourable Court to order the issuance of the warrant of prohibitory injunction in question against the respondents.

Claim: €40,000 and interest

Title: Sum due as explained above and namely pursuant to a contract dated 14th of October, 2020 (Doc. A).

(sgd) Dr Kevin Mompalao, LLD, Mompalao Advocates, 14, Triq Sir L. Camilleri, Victoria, Gozo, Malta

(sgd) Adv. Maria Mompalao, LLB (Hons), M.Adv. (Melit.), Mompalao Advocates, 14, Triq Sir L. Camilleri, Victoria, Gozo, Malta

Registry of the Court of Magistrates (Gozo)

This 23rd of September, 2026

MARY JANE ATTARD
Deputy Registrar, for the Registrar, Gozo Courts and Tribunals

2478

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fit-28 ta' Lulju, 2026, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 713/2026JVC, fl-ismijiet: Carmel Sciberras vs John Mary sive Jimmy Chircop, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni, a tenur tal-Artikolu 187 et sequitur tal-Kapitlu 12, biex isservi bħala notifika fil-konfront tal-intimat.

Permezz ta' rikors fl-ismijiet: Carmel Sciberras (KI 650058M) vs John Mary sive Jimmy Chircop (KI 283774M) ippreżentat fil-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fil-15 ta' Lulju, 2026, ir-rikorrenti talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

By means of a decree given by the Civil Court, First Hall, on the 28th July, 2026, in the records of the Sworn application number 713/2026JVC, in the names: Carmel Sciberras vs John Mary sive Jimmy Chircop, the following publication was ordered, in terms of Article 187 et sequitur of Cap. 12, for the purpose of service of the respondent.

By means of an application in the names: Carmel Sciberras (ID 650058M) vs John Mary sive Jimmy Chircop (ID 283774M) filed in the Civil Court, First Hall, on the 15th July, 2026, the applicant asked this Honourable Court to:

1. Taqtal-kawża bid-dispensa tas-smigħ ai termini tal-Artikolu 167 et sequitur tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Tiddikjara li l-intimat qiegħed jokkupa l-proprjetà immobbli, sentjatament il-fond bin-numru uffiċjali ħamsa (5) fi Triq Sant'Anna, Il-Belt Valletta, mingħajr l-ebda titolu validu tal-liġi;

3. Tordna lill-intimat jiżgombra mill-proprjetà hawn fuq imsemmija u dan fi żmien qasir u perentorju li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiffissa għal dan il-għan;

Bl-ispejjeż kontra l-intimat, li minn issa huwa inġunt in subizzjoni.

B'riserva għal kull azzjoni oħra spettanti lill-esponenti fil-konfront tal-intimat inkluż għall-likwidazzjoni u l-ħlas tad-danni kkaġunati lill-esponenti inkluż iżda mhux limitament għall-kumpens dovut lill-esponenti għall-okkupazzjoni abbużiva u illegali tal-proprjetà hawn fuq imsemmija mill-intimat.

Ir-Rikors Ġuramentat numru 713/2026JVC fl-ismijiet imsemmija hawn fuq huwa differit għas-7 ta' Ottubru, 2026, fid-9.25 a.m.

Notifika: John Mary sive Jimmy Chircop, 5, Triq Sant'Anna, Il-Belt Valletta, u/jew Fl. 6, Binja Penosi, Ent. A, Pjazza Sir Luigi Preziosi, Il-Furjana

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 23 ta' Settembru, 2026

GABRIEL MANGION
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

1. Decide the case without proceeding to a hearing in terms of Article 167 et sequitur of Cap. 12 of the Laws of Malta;

2. Declare that the respondent is occupying the immovable property, namely the premises with official number five (5) in Triq Sant'Anna, Valletta, without any valid title of law;

3. Order the respondent to vacate the property above mentioned and this within a short and peremptory period that this Honourable Court may fix for this purpose;

With costs against the respondent, who is from now summoned so that a reference to his evidence be made.

Saving any other action due to the applicant against the respondent including for the liquidation and payment of damages caused to the applicant including but not limited to the compensation due to the applicant for the abusive and illegal occupation of the property above mentioned by the respondent.

The Sworn application number 713/2026JVC in the names mentioned above is postponed to 7th October, 2026, at 9.25 a.m.

Notify: John Mary sive Jimmy Chircop, 5, Triq Sant'Anna, Valletta, and/or Fl. 6, Binja Penosi, Ent. A, Pjazza Sir Luigi Preziosi, Floriana

Registry of the Superior Courts, today 23rd September, 2026

GABRIEL MANGION
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2479

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fit-23 ta' Lulju, 2026, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skont l-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12) fil-konfront ta' Dala Holdings Limited (C84620).

Permezz ta' Rikors għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni numru 972/2026FDP ippreżentat fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fl-1 ta' Lulju, 2026, fl-ismijiet Fengjie Wang (0470420A) vs Dala Holdings Limited (C84620). Ir-rikorrenti Fengjie Wang (0470420A) talbet illi l-Onorabbli tordna l-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni kontra l-intimati sabiex iżomm lill-intimati milli jbigħu, jassenjaw u/jew jittrasferixxu bi kwalsijasi titolu lil terzi l-appartament internament immarkat bin-numru erbgħa (4), formanti parti minn blokk mingħajr numru uffiċjali magħruf bħala Blokk 'B', liema appartament jinsab fil-first (1st) floor level, li

By a decree of the Civil Court, First Hall, on 23rd July, 2026, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187 (3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap 12) on the respondent Dala Holdings Limited (C84620).

By means of an application for the issuing of a Warrant of Prohibitory Injunction number 972/2026FDP filed in the First Hall Civil Court, on the 1st July, 2026, in the names Fengjie Wang (0470420A) vs Dala Holdings Limited (C84620). The applicant Fengjie Wang (0470420A) asked that the Honourable order the issues a warrant of prohibitory injunction against the respondents in order to hold them from selling, assigning and/or transferring by any title to third parties the apartment internally marked with number four (4), forming part of a block without official number known as Block 'B', which apartment is found on the first

huwa it-tielet livell tal-binja meta tikkunsidra l-livell minus one bħala l-ewwel livell ta' bini, b'entratura komuni ma' appartamenti oħra fl-istess blokk minn Triq is-Sajjieda, San Pawl il-Baħar, limiti ta' Buġibba, liema appartament inbena minflok is-sit qabel okkupata minn 'Belsol Hotel' fi Triq is-Sajjied, San Pawl il-Baħar, limiti ta' Buġibba, liberu u frank bid-drittijiet u pertinenzi kollha tiegħu.

Illi dan il-mandat għandu jiġi milqugħ provviżorjament;

Illi l-esponenti se jiġi preġudikat jekk is-soċjetà intimata ma tiġix inibita kif ingħad.

Għaldaqstant, l-esponenti umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tordna l-ħruġ tal-mandat ta' inibizzjoni inkwistjoni kontra s-soċjetà intimata.

Il-Mandat ta' Inibizzjoni numru 972/2026FDP fl-ismijiet imsemmija hawn fuq huwa differit għat-28 ta' Settembru, 2026, fl-10.30 a.m.

Notifika Intimat: Notable Dala Holdings Limited, Silver Dawn, Penthouse 4, Triq il-Bistra, Il-Mosta

Reġistru tal-Qorti Ċivili, illum 23 ta' Settembru, 2026

GABRIEL MANGION
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

(1st) floor level, which is the third level of the building when considering the minus one level as the first level of building, with a common entrance with other apartments in the same block from Triq is-Sajjieda, St Paul's Bay, limits of Buġibba, which apartment was built instead of the site previously occupied by 'Belsol Hotel' in Triq is-Sajjied, St Paul's Bay, limits of Buġibba, free and unencumbered with all its rights and appurtenances.

That this warrant should be provisionally upheld;

That the applicant shall be prejudiced if the respondent company is not inhibited as stated.

Thus, the applicant humbly prays that this Honourable Court orders the issuing of the warrant of prohibitory injunction in question against the respondent company.

The Warrant of Prohibitory Injunction number 972/2026FDP in the names mentioned above is postponed to the 28th September, 2026, at 10.30 a.m.

Notification respondent: Notable Dala Holdings Limited, Silver Dawn, Penthouse 4, Triq il-Bistra, Mosta

Registry of the Civil Court, today 23rd September, 2026

GABRIEL MANGION
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2480

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fil-5 ta' Ġunju, 2026, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skont l-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12) fil-konfront ta' Omar Bugeja (KI 213877M).

Permezz ta' Rikors għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni numru 757/2026ISB ppreżentat fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fil-21 ta' Mejju, 2026, fl-ismijiet George Bugeja (939444M) u Marie Bugeja (694850M) vs Omar Bugeja (KI 213877M). L-esponenti George Bugeja u Marie Bugeja talbu illi l-Onorabbli Qorti tordna l-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni kontra l-intimati sabiex jikkawtelaw id-drittijiet tagħhom billi jżommu l-intimat milli jbigħ, ineħħi, jittrasferixxi, jassenja, jipoteka, jippermetti r-reġistrazzjoni ta' xi privileġġ jew ipoteka, jaggrava jew jiddisponi b'xi mod jew ieħor, b'titolu gratuwitu u/jew oneruż lil terzi persuni, is-segwenti proprjetajiet immobbli.

Illi dan il-mandat għandu jiġi milqugħ provviżorjament;

Illi l-esponenti se jiġi preġudikat jekk is-soċjetà intimata ma tiġix inibita kif ingħad.

By a decree of the Civil Court, First Hall, of the 5th June, 2026, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12) on the respondent Omar Bugeja (ID 213877M).

By means of an application for the issuing of a Warrant of Prohibitory Injunction number 757/2026ISB filed in the First Hall Civil Court, on the 21st May, 2026, in the names George Bugeja (939444M) and Marie Bugeja (694850M) vs Omar Bugeja (ID 213877M). The applicants George Bugeja and Marie Bugeja asked that this Honourable Court orders the issuing of a warrant of prohibitory injunction against the respondent in order to safeguard their rights by holding the respondent from selling, alienating, transferring, assigning, hypothecating, permitting the registration of any privilege or hypothec, aggravating or disposing in one way or another, by a gratuitous and/or onerous title to third parties, the following immovable properties.

That this warrant should be provisionally upheld;

That the applicant shall be prejudiced if the respondent company is not inhibited as stated.

Għaldaqstant, l-esponenti umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tordna l-ħruġ tal-mandat ta' inibizzjoni inkwistjoni kontra s-soċjetà intimata.

Il-Mandat ta' Inibizzjoni numru 757/2026ISB fl-ismijiet imsemmija hawn fuq huwa differit għat-28 ta' Settembru, 2026, fid-9.00 a.m.

Notifika Intimat: Omar Bugeja (K.I. 213877M), Fort Cambridge East 1, Fl. 102, Triq Tigné, Tas-Sliema

Reġistru tal-Qorti Ċivili, illum 23 ta' Settembru, 2026

GABRIEL MANGION
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Thus, the applicant humbly prays that this Honourable Court orders the issuing of the warrant of prohibitory injunction in question against the respondent company.

The Warrant of Prohibitory Injunction number 757/2026ISB in the names mentioned above is postponed to the 28th September, 2026, at 9.00 a.m.

Notification respondent: Omar Bugeja (I.D. 213877M), Fort Cambridge East 1, Fl. 102, Triq Tigné, Tas-Sliema

Registry of the Civil Court, today 23rd September, 2026

GABRIEL MANGION
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2481

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fid-29 ta' Lulju, 2026, fl-atti ta' Rikors Ġuramentat numru 359/26CG, fl-ismijiet: Analise Mifsud vs Matthew Coleiro ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni, a tenur tal-Artikolu 187 et sequitur tal-Kapitlu 12, biex isservi bħala notifika fil-konfront tal-intimat.

Permezz ta' rikors fl-ismijiet: Analise Mifsud (84791M) vs Matthew Coleiro ppreżentat fil-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fit-13 ta' April, 2026, ir-rikorrent talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tiddikjara lill-fond fond 'Bliss', 9, Triq Adeodato Gatt, Ħaż-Żebbuġ, Malta, mhuwiex komodament diviżibbli;

2. Tordna konsegwentement li l-istess proprjetà fuq indikata, appartenenti lill-kontendenti indiviżament bejniethom, tinbiegħ b'liċitazzjoni, bl-esklużjoni ta' oblaturi estranei;

3. Tiddikjara illi l-attriċi hija kreditriċi tal-konvenut f'somma li trid tiġi likwidata minn din l-Onorabbli Qorti;

4. Tillikwida dak dovut lill-attriċi ai fini tat-tielet talba;

5. Tordna li r-rikavat mill-bejgħ tal-istess proprjetà jiġi diviż bejn il-kontendenti skont il-kwoti rispettivi tagħhom, u li l-attriċi għandha tieħu dak dovut lilha minn sehmu skont dak likwidat skont ir-raba' talba.

Bl-ispejjeż kollha kontra l-intimat li minn issa huwa inġunt għas-subizzjoni.

Ir-Rikors Ġuramentat numru 359/26CG fl-ismijiet imsemmija hawn fuq huwa differit għat-2 ta' Novembru, 2026, fid-9.00 a.m.

By means of a decree given by the Civil Court, First Hall, on the 29th July, 2026, in the records of Sworn application number 359/26CG, in the names: Analise Mifsud vs Matthew Coleiro the following publication was ordered, in terms of Article 187 et sequitur of Cap. 12, for the purpose of service of the respondent.

By means of an application in the names: Analise Mifsud (84791M) vs Matthew Coleiro filed in the Civil Court, First Hall, on the 13th April, 2026, the applicant asked this Honourable Court so that:

1. Declare that the premises 'Bliss', 9, Triq Adeodato Gatt, Ħaż-Żebbuġ, Malta, is not easily divisible;

2. Consequently order that the same property above indicated, belonging to the parties undivided between them, be sold by licitation, to the exclusion of extraneous bidders;

3. Declare that the plaintiff is a creditor of the defendant in a sum to be liquidated by this Honourable Court;

4. Liquidate what is due to the plaintiff for the purpose of the third demand;

5. Order that the proceeds from the sale of the same property be divided between the parties according to their respective quotas, and that the plaintiff is to take what is due to her from his share according to that liquidated according to the fourth demand.

With all costs against the respondent who is from now summoned so that a reference to his evidence be made.

The Sworn application number 359/26CG in the names mentioned above is postponed to 2nd November, 2026, at 9.00 a.m.

Notifika intimat: Matthew Coleiro, Blk 1, Fl. 8, Triq il-Fosos, Il-Furjana

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 23 ta' Settembru, 2026

GABRIEL MANGION
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Notification respondent: Matthew Coleiro, Blk 1, Fl. 8, Triq il-Fosos, Floriana

Registry of the Superior Courts, today 23rd September, 2026

GABRIEL MANGION
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2482

B'digriet tat-18 ta' Settembru, 2026, mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), dina il-Qorti ordnat il-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt biex iservi ta' notifika skont l-Artikolu 187(3) tal-Kodici tal-Proċedura u Organizzazzjoni Ċivili (Kap.12).

Illi b'rikors ippreżentat minn Kurt Castillo (KI 545180M) nhar l-1 ta' April, 2025, qed jintalab l-iżbank fl-ammont ta' erbat elef, erba' mija, u għaxar ewro u tlieta u sebgħin ċenteżmu (€4,410.73) li ġew depożitati permezz ta' Ċedoli numru 3351/22 u 104/22 wara l-mandat ta' sekwestru 2720/2021 fl-ismijiet:

Kurt Castillo (KI 545180M) vs Sobhy Mohammad Ammar (KI 149579A)

Il-Qorti ordnat in-notifika lil Mohammad Sabhy Ammar bi żmien għaxart (10) ijiem għar-risposta.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta), illum l-Erbgħa, 23 ta' Settembru, 2026

GAETANA AQUILINA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By a decree given on the 18th September, 2026, given by the Magistrates Court (Malta) ordered that the extract hereunder mentioned be published for the purpose of service according to article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

That by the application filed by Kurt Castillo (KI 545180M) on the 1st April, 2025, is requesting the withdrawal of the amount of four thousand, four hundred and ten euro and seventy three cent (€4,410.73) deposited by the Schedule of Deposit number 3351/22 and 104/22 after garnishee order 2720/2021 in the names of:

Kurt Castillo (ID 545180M) vs Sobhy Mohammad Ammar (ID 149579A)

The Court ordered the notification to Mohammad Sabhy Ammar with ten (10) days to reply.

Registry of the Court of Magistrates (Malta), today Wednesday, 23rd September, 2026

GAETANA AQUILINA
For Registrar of Courts and Civil Tribunals

2483

Permezz ta' digriet mogħti fid-9 ta' Lulju, 2026, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 1651/2026, fl-ismijiet Finance House plc vs Istvan Gajdos, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat Istvan Gajdos a tenur tal-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' ittra uffiċjali ppreżentata fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) lil Istvan Gajdos (KI 55388A) ta' 68, Flat 3, Triq Sant'Alfonsu, Tas-Sliema, fil-11 ta' Mejju, 2026, Finance House plc (C 58869) ta' Agora Business Centre, Level Three, Triq il-Wied tal-Imsida, L-Imsida, tagħmillek referenza għall-kambjali ffirmati u aċċettati minnek numerati min-numru 16 san-numru 22, kopja ta' liema qed tiġi annessa

By means of a decree of the 9th July, 2026, in the records of the judicial letter number 1651/2026, in the names Finance House plc vs Istvan Gajdos, the Courts of Magistrates (Malta) ordered the following publication for the purpose of service of the respondent Istvan Gajdos in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

By means of a judicial letter filed in the Courts of Magistrates (Malta) against Istvan Gajdos (ID 55388A) of 68, Flat 3, Triq Sant'Alfonsu, Tas-Sliema, on the 11th May, 2026, Finance House plc (C58869) of Agora Business Centre, Level Three, Triq il-Wied tal-Imsida, Msida, referred to the bills of exchange signed and accepted by you numbered 16 till 22, a copy of which is being attached with

ma' din l-ittra uffiċjali, u peress illi dawn il-kambjali kellhom jitħallsu kull nhar il-5 tax-xahar u ċoè bejn il-5 ta' Ottubru, 2025 u l-5 ta' April, 2026, rispettivament, baqgħu ma tħallsux minkejja li għadda t-tali żmien u minkejja li ġejt interpellat kemm-il darba, tinterpellak sabiex entru jumejn (2) min-notifika lilek ta' din l-ittra uffiċjali tħallas lill-kumpanija mittenti s-somma kumplessiva ta' €1,430.52 rappreżentanti import tal-imsemmija kambjali, liema kambjali ġew minnek iffirmati u baqgħu ma tħallsux.

Il-kumpanija mittenti tavżak illi jekk tonqos milli tottempra ruħek mas-su espost se tipproċedi bl-esekuzzjoni tal-imsemmija kambjali ai termini tal-artikolu 253(e) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Għall-fini u l-effetti kollha tal-liġi, kun avżat illi ai termini tal-artikolu 253(e) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta għandek id-dritt sabiex fi żmien għoxrin (20) jum mid-data tan-notifika ta' din l-ittra uffiċjali tippreżenta rikors sabiex topponi għall-esekuzzjoni tal-imsemmija kambjali minħabba r-raġuni illi l-firma fuq il-kambjala mhijiex tiegħek jew minħabba raġuni gravi u valida.

Tant biex tagħraf timxi u tirregola ruħek.

Bl-ispejjeż, inklużi tal-preżenti, kontra tiegħek u bl-imgħaxijiet legali mid-data rispettiva ta' kull kambjala sad-data tal-pagament effettiv.

Din l-ittra uffiċjali qed tintbagħat sabiex trendi l-imsemmija kambjala esegwibbli ai termini tal-Artikolu 256(2) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Reġistru tal-Qrati tal-Maġistrati (Malta), illum 24 ta' Settembru, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

this judicial letter, and noted that these bills of exchange had to be paid every 5th day of the month and that is between the 5th October, 2025 and 5th April, 2026, respectively, and you remained in default although time has passed and although you were solicited several times, so it solicits you so that within two (2) days from the notification of this judicial letter you pay the interpellant company the total amount of €1,430.52 representing the value of the said bills of exchange, which bills of exchange were signed by you and you remained in default.

The interpellant company warns you that if you fail to abide with the above the company will proceed for the execution of the said bills of exchange in terms of article 253(e) of Cap. 12 of the Laws of Malta.

For all the effects and purposes of law, you are warned that in terms of article 253(e) of Cap. 12 of the Laws of Malta you have the right so that within twenty (20) days from the notification of this judicial letter you file an application to oppose the execution of the said bill of exchange on the basis that the signature on the bill of exchange is not yours or for grave and valid reasons.

So much so may know how to proceed and regulate yourself.

With costs, including of this present against you and with legal interest from the date of expiry of the said bills of exchange till the date of effective payment.

This judicial letter is being sent to render the said bill of exchange executable in terms of Article 256(2) of Cap. 12 of the Laws of Malta.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta), today 24th September, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2484

Permezz ta' digriet mogħti fil-11 ta' Ġunju, 2026, mill-Bord li Jirregola l-Kera fl-atti tar-rikors fl-ismijiet I.T. Properties Limited et vs Michael Sammut et, Rikors numru 108/2026JG, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' Michael Sammut u Antoinette Sammut a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Permezz ta' rikors fl-ismijiet I.T. Properties Limited (C24644) u Carmen Bonello (KI 10938M) vs Michael

By means of a decree of the 11th June 2026 of the Rent Regulation Board, in the records of the Application in the names I.T. Properties Limited et vs Michael Sammut et, Application Number 108/2026JG, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondents Michael Sammut and Antoinette Sammut in terms of Article 187(3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

By means of an application in the names I.T. Properties Limited (C24644) and Carmen Bonello (ID 10938M) vs

Sammut (KI 342863M) u martu Antoinette Sammut (KI 373662M) ippreżentat fil-Bord li Jirregola l-Kera fil-25 ta' Marzu, 2026, ir-rikorrenti I.T. Properties Limited (C24644) et talbu lil dan l-Onorabbli Bord għaliex m'għandux:

1. Jordna li jitwettaq it-test tal-mezzi fuq l-intimati kif jirrikjedi l-artikolu 12B tal-Kap. 158 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Jordna f'każ li l-intimati jissodisfaw it-test tal-mezzi (i) ir-reviżjoni tal-kera għall-ammont li ma jeċċedix it-tnejn fil-mija (2%) fis-sena tal-valur liberu u frank fis-suq miftuħ tal-fond 117, Triq Sir Charles Cameron, Il-Gżira, fl-1 ta' Jannar, 2024, liema ammont għandu jiġi minnu stabbilit anke permezz ta' periti nominandi, u (ii) jekk jidhirlu opportun, jistabbilixxi kundizzjonijiet ġodda fir-rigward tal-kera, u (iii) konsegwentement jordna lill-intimati sabiex iħallsu l-kera hekk riveduta u jekk ikun il-każ sabiex josservaw il-kundizzjonijiet ġodda fir-rigward tal-kera stabbilta;

3. Jordna f'każ li l-intimati ma jissodisfawx it-test tal-mezzi: (i) l-iżgumbrament tal-intimati mill-fond fi żmien minnu stabbilit, (ii) jistabbilixxi l-kumpens pagabbli lir-rikorrenti għall-okkupazzjoni tal-fond mill-intimati matul dan il-perjodu, anke permezz ta' periti nominandi, u konsegwentement (iii) jordna lil-intimati jiżgumbraw mill-fond fiż-żmien stabbilit u sabiex iħallsu l-kumpens determinat.

Bl-ispejjeż kontra l-intimati, minn issa inġunti għas-subizzjoni u b'riżerva u mingħajr preġudizzju għal kwalsijasi azzjoni oħra spetttanti lir-rikorrenti skont il-liġi.

Rikorrenti: Carmen Bonello, Casa Antonia, Pope Alexander VII Junction, Ħal Balzan

Intimati: Michael Sammut u Antoinette Sammut, 88, Triq Sir Charles Cameron, Il-Gżira

Ir-rikors fl-ismijiet I.T. Properties Limited et vs Michael Sammut et, Rikors numru 108/2026JG, jinsab differit għas-7 ta' Ottubru, 2026, fid-9.45 a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 24 ta' Settembru, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Michael Sammut (ID 342863M) and his wife Antoinette Sammut (ID 373662M), filed in the Rent Regulation Board, on the 25th March, 2026, the applicants I.T. Properties Limited (C24644) et requested this Honourable Board why it should not:

1. Order that the means test be carried out on the respondents as required by Article 12B of Cap. 158 of the Laws of Malta;

2. Order in case the respondents satisfy the means test (i) the revision of the rent for the amount which does not exceed two percent (2%) per annum of the free and unencumbered open market value of the premises 117, Triq Sir Charles Cameron, Gżira, on the 1st January, 2024, which amount shall be fixed by the Board even by means of nominated architects, and (ii) if the Board deems fit, establish new conditions regarding the lease, and (iii) consequently order the respondents to pay the rent thus revised and if appropriate to observe the new conditions regarding the lease established;

3. Order in case the respondents do not satisfy the means test: (i) the eviction of the respondents from the premises within a stipulated time, (ii) establish the compensation payable to the applicants for the occupation of the premises by the respondents during this period, even by means of nominated architects, and consequently (iii) order the respondents to vacate the premises within the stipulated time and to pay the determined compensation.

With costs against the respondents, from now summoned so that a reference to their oath be made and saving and without prejudice to any other action due to the applicants according to law.

Applicants: Carmen Bonello, Casa Antonia, Pope Alexander VII Junction, Ħal Balzan

Respondents: Michael Sammut and Antoinette Sammut, 88, Triq Sir Charles Cameron, Gżira

The application in the names I.T. Properties Limited et vs Michael Sammut et, Application number 108/2026JG, has been postponed for hearing to the 7th October, 2026, at 9.45a.m.

Registry of the Superior Courts, today 24th September, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals